



# Pitturi ta' San Publju tal-Pittur Tommaso Madiona

Kitba ta' **Mark Ciantar**



*Il- Pittur Tommaso Madiona (1803-1864)*

Sa ftit snin ilu ftit kont nimmaġina li dan il-qaddis Malti kellu qima mxerrda mal-gżejjer ta' Malta kollha. Ftit tas-snin ilu, il-ħabib tiegħi Nigel Holland ippubblika artiklu fuq il-pubblikazzjoni li l-Każin Vilhena joħroġ fi żmien il-Festa ta' San Publju. Din ir-riċerka ġabitni konxju kemm il-Maltin kienu jqimu dan il-qaddis protettur ta' Malta. Għal ħafna żmien, dan il-qaddis kien qisu ntesa minn dan il-poplu. Kien qaddis ieħor Malti li reġa' qanqal fina l-kurżità kemm kien meqjum dan Publju. Qiegħed nirreferi għall-perjodu ferm għażiż għalina l-Maltin, meta Dun Ġorġ Preca kien ġie kanonizzat. F'daqqa waħda, dan il-poplu għandu qaddis ieħor Malti, Publju ta' Malta, Publju li huwa meqjum fil-Floriana u daqstant ieħor madwar il-gżira.

Bħala Furjaniż, kif ukoll delettant tal-festi u għandi għal qalbi l-istorja, inħobb indur u naqra dwar l-istorja glorjuża ta' dan il-pajjiż. Biex inkun onest ukoll, dejjem infittex dik il-laqta Furjaniża. Hekk ġara waqt li kont qed inqalleb il-ktejjeb ippubblikat mill-Banda San Ġorġ fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tas-sena 2015.

Fis-sagristija ż-żgħira tal-Kolleġġjata ta' Bormla għandek issib inkwatru b'pittura bi xbiha ta' San Publju. Din il-pittura hija attribwita lill-pittur Tommaso Madiona. Tommaso twieled l-Isla fis-7 ta' Mejju, 1803. Iben M'Anġ u Madalena mwielda Giliberti. Minn ċkunitu, huwa wera ħila kbira fid-disinn u t-tpinġija. Kien ippremjat medalja tad-deheb għax-xogħlijiet tiegħu mill-1824. Irrikmandalu biex ikompli jistudja barra minn Malta. Fil-fatt Tommaso kompla l-istudji tiegħu fl-*Accademia*



***Pittura ta' San Publju li tinsab fis-Sagristija tal-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla***

*delle Belle Arti* ta' Ruma. L-inċiżjonijiet tiegħu u l-kopji tiegħu tal-pittura ntlaqgħu sew mis-surmastrijiet tiegħu Minardi u Overend. (Gatt, 2015)

Xogħol ieħor ta' Madiona fejn is-suġġett kien San Publju, insibuh ġewwa l-Katidral ta' Għawdex. Huwa pitter lil San Publju u Sant'Agatha, Patruni ta' Malta, iż-żewġ pitturi huma laterali għall-Kwadru Titulari ta' Marija Assunta mpitter minn Michele Busuttil (1762-1831). (Mangion, 2014)



***L-inkwatru Titulari u nkwatri laterali tal-Katidral Għawdex.***

Lura f'Malta il-pittur kien jaħdem f'dar ġewwa l-Isla, numru 37/38 fi Triq San Ġiljan. Kellu żewġ ħutu oħra - Dun Franġisk, l-Arċipriet u organista tal-Parroċċa tal-Isla u Lorenzo. Madiona kien pittur fi ħdan il-Moviment tan-Nazzareni, litterat, però bil-pinzell f'idejh għaraf iħożż il-psikoloġija, fiżjoloġija, mitoloġija u storja. Kien ukoll kitarrist, mużiċista, kompożitur u inċiżitur. Madiona kien il-bniedem li vvinta kitarra bil-pedali u li biha kien idoqq mużika għall-pjanu. Dan l-istrument intilef maż-żmien. (Gatt, 2015)

Meta l-vista bdiet tonqsu, il-karriera artistika tiegħu kienet waslet lejn it-tmiem. Mill-arkivji tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina, l-Isla u mir-Reġistru Pubbliku, Att tal-mewt numru 759/1864, nafu li miet fis-6 ta' April tas-sena 1864, fl-età ta' sittin sena u ġie midfun fil-Kolleġġjata tal-Isla. Nafu wkoll li qatt ma żżewweġ. (Gatt, 2015)

---

## Bibliography

Gatt, J. R. (2015). *Il-Pittur Madiona Tommosa (1803-1864)*. Bormla: Leħen il-Banda San Ġorġ.

Mangion, F. (2014, April 06). *An artist by profession, renowned as a musician.* Retrieved from Times of Malta: http://www.timesofmalta.com/articles/view/20140406/life-features/An-artist-by-profession-renowned-as-a-musician.514108.